

Avviż

SEJĦA MIFTUĦA GĦALL-PROPOSTI VP/2009/014
Proġett Pilot dwar il-Prevenzjoni tal-Abbużi mill-Anzjani

Linja baġitarja 04 04 11

L-għan ta' din is-sejħa għall-proposti hija li toffri għotjiet ta' ffinanzjar lil żewġ applikanti li ma jistgħux ikunu organizzazzjonijiet bil-għan ta' profitt, bħal awtoritajiet pubbliċi, universitajiet u ċentri ta' riċerka u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili/tal-partijiet interessati.

Se tingħata għotja lil kull wieħed miż-żewġ tipi ta' proġetti li ġejjin:

- Il-monitoraġġ tal-abbużi mill-anzjani madwar l-Unjoni Ewropea permezz tas-sistemi tas-saħħa pubblika u sistemi ta' kura fuq medda twila ta' żmien.
- Ir-relazzjoni tal-approċċi tal-politika eżistenti u oqfsa ta' politika fl-Unjoni Ewropea biex tkun identifikata prattika tajba u biex ikun ippreżentat qafas ta' referenza li jinkludi l-miżuri u l-istrumenti neċessarji għall-prevenzjoni tal-abbużi mill-anzjani.

Il-baġit iddedikat għall-kofinanzjament taż-żewġ proġetti magħżula minn din is-sejħa għall-proposti huwa ta' miljun ewro (EUR 1 000 000) b'EUR 500 000 ddedikati għal kull proġett. Kull proġett se jkopri wieħed biss miż-żewġ għanijiet ta' din is-sejħa. Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima tal-Komunità ma taqbiżx 80 % tal-ispejjeż totali eliġibbli għal kull wieħed mill-proġetti magħżula. It-tul ta' żmien massimu tal-proġett huwa 24 xahar.

Id-data tal-għeluq għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet hija s-27/09/2009.

It-tagħrif komplut dwar is-sejħa għall-proposti, inkluża l-gwida għall-applikanti u d-dokumentazzjoni rilevanti kollha jistgħu jitniżżlu mis-sit li ġej:

<http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=630&langId=en>

Jekk l-applikanti jkollhom xi mistoqsijiet ulterjuri dwar ir-rekwiżiti tas-sejħa għall-proposti jew dwar il-proċess tal-applikazzjoni, jekk jogħġbok ressaq il-mistoqsijiet tiegħek – **bil-miktub biss** – u kkwota r-referenza '**VP/2009/014- query**' fl-indirizz e-mail ta' hawn taħt:

empl-e1-calls@ec.europa.eu